Nru. 18,186
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 7 ta' Frar, 2008
Thursday, 7th February, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għalkemm isimhom huwa nkluż fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2007, ma jkunx jista' jinħarġilhom Dokument għall-Votazzjoni.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden dawn il-persuni biex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jitteħdilhom ritratt.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

GENERAL ELECTIONS ACT,
1991

Notice

The Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose names are listed hereunder. Although their name is included in the Electoral Register published in October, 2007, it would not be possible to issue a Voting Document to these persons.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have their photograph taken.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

NRU. TA' L-I.D. *I.D. NO.*	ISEM U KUNJOM *NAME AND SURNAME*	INDIRIZZ *ADDRESS*
53956(M)	Dingli Raphael	The Tower, Il-Wardija, Limiti ta' San Pawl il-Baħar
441501(L)	Attard Geoffrey Ryan Christopher	7, Fl 3, Triq Salvatore Borg, San Pawl il-Baħar
355401(L)	Paiber Cesar Oscar	102, Triq San Vinċenz, Ħamrun
316105(L)	Bellizzi Olivia Bianca	121, Triq il-Kbira, Żurrieq
793057(M)	Pace Theresa k/a Marthese	23, Fl 6, Trejqet il-Fosos, Floriana
802644(M)	Has Pauline	4, Eaton, Fl 2, Triq Ferris, Rabat
220759(M)	Mc Culloch Antonia	Villa Kentia, Triq il-Ħemel, Swieqi
495932(M)	Tabone Carmelo	Pinto Bldg/Fl 16, Triq San Albert, Gżira
726839(M)	Tabone Giuseppina	Pinto Bldg/Fl 16, Triq San Albert, Gżira
167006(L)	Camilleri Christian Lyes	23, Trejqet Sant'Injazju, Sliema
2011508(P)	Schembri Anne	2, Triq San Pawl, Sqaq Nru. 2, Rabat
648144(M)	Vella Haber Carmel k/a Charles	47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
263849(M)	Vella Haber Mary	47, Gemini Crt, Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
388558(M)	Cremona James	Sueliz, Fl 4, Tal-Fjuri, Limiti ta' San Pawl il-Baħar
301444(M)	Zammit Raphael	17, Triq Brittanja, Mosta
2006853(P)	Cassar Lawrence	175, Triq il-Vittorja, Ħamrun
641045(M)	Collinson Antonia	4, Triq San Lawrenz, Żabbar
283553(M)	Zammit Saviour	41, Triq il-Knisja, Xgħajra
355505(L)	Farrugia Tony	31, Triq Balbi, Marsa
811444(M)	Portelli Vincent	147, Triq Matty Grima, Bormla
242851(M)	Zammit Anthony	58, Triq l-Isptar, Valletta
75201(L)	Perri Alessia	Galitea, Fl 12, Ix-Xatt, Sliema
329651(M)	Farrugia Coronata	3, Triq il-Ħuttafa, Fgura

Is-7 ta' Frar, 2008

7th February, 2008

ATT TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi b'riferenza għall-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,184 tat-Tnejn, l-4 ta' Frar, 2008, qed issir korrezzjoni kif jidher hawn taħt għall-kmamar tal-votazzjoni fl-Ewwel Distrett Elettorali.

(i) Il-Lokalità li taħtha huma nklużi l-kmamar tal-votazzjoni Nri. 32, 33, 34 u 35 għandha tinqara bħala Parti minn Marsa minflok Marsa.

(ii) Il-Lokalità li taħtha huma nklużi l-kmamar tal-votazzjoni Nri. 36, 37, 38, 39, 40 u 41 għandha tinqara bħala Pietà minflok Msida. Dawn il-kmamar tal-votazzjoni ser ikunu fil-Lifelong Learning Centre (ex MCAST), Triq Qrejten, Msida.

(iii) Il-Lokalità li taħtha huma nklużi l-kmamar tal-votazzjoni Nri. 42, 43, 44, 45 u 46 għandha tinqara bħala Parti minn Santa Venera minflok Santa Venera.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-7 ta' Frar, 2008

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

Notice

The Electoral Commissioners hereby notifiy that with reference to the notice published in Government Gazette No. 18,184 of Monday, 4th February, 2008, a correction is being made as shown hereunder to the polling booths in the First Electoral Division.

(i) The Locality under which polling booths Nos. 32, 33, 34 and 35 are included should read as Part of Marsa instead of Marsa.

(ii) The Locality under which polling booths Nos. 36, 37, 38, 39, 40 and 41 are included should read as Pietà instead of Msida. These polling booths shall be located at the Lifelong Learning Centre (ex MCAST), Qrejten Street, Msida.

(iii) The Locality under which polling booths Nos. 42, 43, 44, 45 and 46 are included should read as Part of Santa Venera instead of Santa Venera.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

7th February, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

I1-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom permezz tar-Regolament 3 (1) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' 1-1993 dwar Kunsilli Lokali u b'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,183 tal-Ġimgħa, 1-1 ta' Frar, 2008, il-ħin ta' l-għeluq tal-votazzjoni nhar is-Sibt, it-8 ta' Marzu, 2008, ser jiġi estiż sal-10.00 p.m.

Il-Kummissjonarji Elettorali javżaw ukoll illi ż-żmien li fih il-partiti politiċi għandhom jippreżentaw il-listi skond ir-Regolamenti 27 (1), 30 (3) u 55 (3) tat-Tielet Skeda ta' l-Att

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby notify that by virtue of the powers conferred to them by Regulation 3 (1) of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, and with reference to the notice published in Government Gazette No. 18,183 of Friday, 1st February, 2008, the closing time for polling on Saturday, 8th March, 2008, shall be extended to 10.00 p.m.

The Electoral Commissioners further notify that the date by which political parties have to present the lists in accordance with Regulations 27 (1), 30 (3) and 55 (3) of the Third Schedule

ta' 1-1993 dwar Kunsilli Lokali, għan-nomini ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali, Aġenti tal-Partit u persuni sabiex jgħoddu u jissorveljaw waqt l-għadd tal-voti rispettivament, ser jiġi estiż sal-Ħamis, 1-14 ta' Frar, 2008. ll-Kummissjonarji jgħarrfu wkoll illi ż-żmien li fih il-partiti politiċi għandhom jippreżentaw il-listi skond ir-Regolament 57 (2) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' 1-1993 dwar Kunsilli Lokali, għan-nomini ta' Aġenti għall-għadd, ser jiġi estiż sal-Ġimgħa, i1-15 ta' Frar, 2008.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-7 ta' Frar, 2008

of the Local Councils' Act, 1993, for the nominations of Assistant Electoral Commissioners, Party Agents and persons to act as counters and supervisors during the counting of votes respectively, shall be extended up to Thursday, 14th February, 2008. The Commissioners further notify that the date by which political parties have to present the lists in accordance with Regulation 57 (2) of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, for the nominations of Counting Agents, shall be extended up to Friday, 15th February, 2008.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

7th February, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu skond il-paragrafi (ċ) u (d) tat-Tielet Skeda tar-Regolament 16 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, illi b'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,183 tal-Ġimgħa, l-1 ta' Frar, 2008, wara li tagħlaq il-votazzjoni nhar is-Sibt, it-8 ta' Marzu, 2008, il-kaxxi tal-voti għal-lokalitajiet ta' Valletta, Isla, Żebbuġ, Żejtun, Balzan, Dingli, Fontana, Għajnsielem, Għasri, Iklin, Kirkop, Marsa, Mellieħa, Mqabba, Nadur, Pembroke, Qrendi, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, Santa Venera, Ta' Xbiex, Xewkija u Żurrieq jinġarru fis-Sala għall-Konsenja, in-Naxxar, fejn se jiġu riċevuti u minn hemmhekk jittieħdu u jinżammu fis-Sala ta' l-Għadd tal-Voti, in-Naxxar. Il-ftuħ tal-kaxxi tal-voti jibda fit-8.00 a.m. nhar is-Sibt, il-15 ta' Marzu, 2008, fl-imsemmija Sala ta' l-Għadd, u l-għadd tal-voti għandu jsir hemmhekk minnufih wara.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-7 ta' Frar, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of paragraphs (c) and (d) of the Third Schedule of Regulation 16 of the Local Councils' Act, 1993, that with reference to the notice published in Government Gazette No. 18,183 of Friday, 1st February, 2008, after the closing of the poll on Saturday, 8th March, 2008, the ballot boxes for the localities of Valletta, Isla, Żebbuġ, Żejtun, Balzan, Dingli, Fontana, Għajnsielem, Għasri, Iklin, Kirkop, Marsa, Mellieħa, Mqabba, Nadur, Pembroke, Qrendi, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, Santa Venera, Ta' Xbiex, Xewkija and Żurrieq will be transported to the Delivery Hall at Naxxar, and from there taken and kept at the Counting Hall, Naxxar. The opening of the ballot boxes will commence at 8.00 a.m. on Saturday, 15th March, 2008, at the aforementioned Counting Hall, and the counting of the votes will take place thereat immediately thereafter.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

7th February, 2008

ATT TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

ATT NRU. XXI TA' L-1991

Avviż

Ngħarrfu illi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, b'ordni ta' l-Uffiċjal Reviżur saru dawn iż-żidiet u korrezzjonijiet fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2007

ŻIDIET

Aquilina Joseph – 279763(M) – 32, Dar il-Vjoli, Triq Pierre Muscat, Rabat

Fauzza Raymond – 100556(M) – Strawberry Field, 5, Triq Blanche Huber, Sliema

Galea Giovanni k/a John D – 510638(M) – 23, Triq Tal-Ħerba, Birkirkara

Galea Josephine – 645363(M) – 152, Sapphire, Triq Santa Marija, Mġarr

Downey Giovanna – 311845(M) – 24, Triq San Ġorġ, Gżira

Hole Antonia – 34347(M) – 31, Fl 6, Triq San Bastjan, Rabat

Gambina Linda Josephine – 347907(L) – Highgate, Fuq il-Ġonna, San Ġiljan

Golic Djordje – 326107(L) – 27, Waterfall, Triq Santa Fawstina, Bubaqra, Żurrieq

Scerri Godwin – 178157(M) – 4, Triq il-Mosta, Attard

Theuma Anna Alexandrovna – 362007(L) – 27, Triq Anton Buttigieg, Qala

Felice Pace Alexandra Mary – 32408(L) – 1, Triq Dun Karm Caruana, Għasri

Hamid Kamal Kamel – 306807(L) – Paul Mat, Fl 2, Triq il-Villeġġatura, San Pawl il-Baħar

KORREZZJONIJIET

Gauci Samuel – 275329(M) – Aquarius, Ras il-Qawra, San Pawl il-Baħar
għandu jinqara – *should read*
Gauci Samuel – 275329(M) – 24, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Nru. 3, Rabat

Mifsud Evelyn – 95941(M) – 43, Mary Lourdes, Triq iż-Żebbuġa, Gudja
għandha tinqara – *should read*
Mifsud Evelyn – 95941(M) – 33, Fl 2, Triq San Franġisk, Floriana

Bugelli Martin – 66461(M) – 174, Eastbourne, Triq Lia, Żabbar
għandu jinqara – *should read*
Bugelli Martin – 66461(M) – 18, Triq Bjaġju Galea, Tarxien

Is-7 ta' Frar, 2008

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

ACT NO. XXI OF 1991

Notice

In terms of Section 43 of the General Elections Act, 1991, it is notified that by order of the Revising Officer, the following additions and corrections were made in the Electoral Register published in October, 2007.

ADDENDA

CORRECTIONS

7th February, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 9

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu 2008, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza 21 ta' Marzu, il-Pellegrinaġġ, Pjazza Pawlino Vassallo, Santa Tereża, it-8 ta' Diċembru, Pjazza Santa Margerita, San Ġorg u l-Oratorju.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Marzu 2008, mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza 23 ta' Marzu, Pjazza 25 ta' Ġunju, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, Santa Margerita, Verdala, Pjazza Santa Margerita, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Pawlino Vassallo, ix-Xatt, Pjazza Gavino Gulia, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl, l-Inkurunazzjoni, Bieb Santa Liena, il-Pellegrinaġġ sal-Parroċċa.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Frar, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi Triq is-Swatar, Birkirkara se tkun magħluqa għat-traffiku ta' vetturi u trasport pubbliku minn kantuniera ma' Triq Ġużeppa Psaila sa kantuniera ma' Triq il-Balliju Gutenberg (is-Swatar) mit-Tnejn, il-11 sas-Sibt, is-16 ta' Frar, 2008 bejn is-7.00 a.m. u l-5.00 p.m.

Għalhekk qed tiġi implimentata d-diverżjoni li ġejja:

Traffiku ta' vetturi mis-*slip road* fi Triq Dun Karm fid-direzzjoni lejn is-Swatar se jiddawwar għal Triq it-Torri, Triq Olaf Gollcher u Triq Lorenzo Gatt.

Il-karozza tal-linja 169 minn Triq Dun Karm fid-direzzjoni lejn is-Swatar tkun meħtieġa li tgħaddi għal Triq Giovanni Papaffy, Triq Fonsu Maria Galea, Triq Olaf Gollcher, Triq Vincenzo Bugeja, Triq P. Borg Olivier, Triq Anthony Valletta, Triq il-Ġostra, Triq Ġużè Ellul Mercer, Triq il-Balliju Gutenberg, Triq is-Swatar u viċi-versa.

Is-sewwieqa huma mwissija jsuqu bil-mod.

Is-7 ta' Frar, 2008

POLICE NOTICE

No. 9

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Cospicua

On Friday, 21st March 2008, as from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza 21 ta' Marzu, il-Pellegrinaġġ, Pjazza Pawlino Vassallo, Santa Tereża, it-8 ta' Diċembru, Pjazza Santa Margerita, San Ġorg and l-Oratorju.

On Sunday, 23rd March 2008, as from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza 23 ta' Marzu, Pjazza 25 ta' Ġunju, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, Santa Margerita, Verdala, Pjazza Santa Margerita, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Pawlino Vassallo, ix-Xatt, Pjazza Gavino Gulia, St Paul's Church area, l-Inkurunazzjoni, Bieb Santa Liena, il-Pellegrinaġġ to Parish.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

7th February, 2008

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that Triq is-Swatar, Birkirkara will be closed to vehicular traffic and public transport from corner with Triq Gużeppa Psaila up to corner with with Triq il-Balliju Gutenberg (Swatar) from Monday 11th up to Saturday, 16th February, 2008 from 7.00 a.m. up to 5.00 p.m.

The following diversion is therefore being implemented:

Vehicular Traffic from the slip road in Triq Dun Karm in the direction towards Swatar will be diverted to Triq it-Torri, Triq Olaf Gollcher and Triq Lorenzo Gatt.

Route bus 169 from Triq Dun Karm in the direction towards Swatar will be required to proceed to Triq Giovanni Papaffy, Triq Fonsu Maria Galea, Triq Olaf Gollcher, Triq Vincenzo Bugeja, Triq P. Borg Olivier, Triq Anthony Valletta, Triq il-Ġostra, Triq Ġużè Ellul Mercer, Triq il-Balliju Gutenberg, Triq is-Swatar and vice-versa.

Motorists are advised to proceed with caution.

7th February, 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U *STANDARDS* FL-EDUKAZZJONI

Eżami għad-Dħul fil-Junior Lyceum mit-Tieni sal-Ħames Klassi - 2008

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni jgħarraf li f'Ġunju u Lulju 2008 se jsiru l-eżamijiet għad-dħul fil-Junior Lyceum mit-Tieni sal-Ħames klassi.

L-applikanti għat-Tieni u t-Tielet Klassi jkollhom joqogħdu għall-eżamijiet fil-Malti, Ingliż, Matematika, Xjenza Integrata, Reliġjon, Storja ta' Malta, Ġografija, Studji Soċjali u lingwa barranija minn fost dawn li ġejjin: Taljan, Franċiż, Ġermaniż, Għarbi u Spanjol.

L-applikanti għar-Raba' u l-Ħames Klassi jkollhom joqogħdu għall-eżamijiet fil-Malti, Ingliż, Matematika, Fiżika, Reliġjon, Storja ta' Malta, Ġografija, Studji Soċjali u lingwa barranija minn fost dawn li ġejjin: Taljan, Franċiż, Ġermaniż, Għarbi u Spanjol.

Is-sillabi huma dawk tal-Junior Lyceum.

L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mingħand il-Kap ta' l-Iskola fejn il-kandidati jkunu qegħdin jattendu minn nhar it-Tnejn, il-11 ta' Frar, 2008.

Studenti ta' skejjel sekondarji ta' l-Istat għandhom jikkonsenjaw il-formoli ta' l-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport, lill-Kap ta' l-Iskola fejn bħalissa qegħdin jattendu.

Studenti ta' skejjel mhux ta' l-Istat minn Malta għandhom jikkuntattjaw lit-Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex jiksbu l-informazzjoni dwar l-iskola fejn iridu japplikaw u jikkonsenjaw il-formoli ta' l-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport.

Studenti subien ta' skejjel mhux ta' l-Istat minn Għawdex għandhom jiġbru l-applikazzjoni mill-iskola sekondarja għas-subien Ninu Cremona filwaqt li l-bniet għandhom jiġbru l-applikazzjoni mill-Iskola Sekondarja għall-Bniet Agius de Soldanis u jikkonsenjaw il-formoli ta' l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport, fl-istess skola sekondarja.

L-applikazzjonijiet, mimlija kif suppost, għandhom jittieħdu fejn diġà msemmi, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Marzu, 2008. Applikazzjonijiet li jaslu tard jew jintbagħtu bil-posta ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Frar, 2008

DIRECTORATE FOR QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION

Junior Lyceum Entrance Examinations into Forms II to V - 2008 Session

The Director General for Quality and Standards in Education notifies that examinations for entry into Forms II to V of the Junior Lyceum will be held in June and July 2008.

Applicants for entry into Forms II and III will have to sit for examinations in Maltese, English, Mathematics, Integrated Science, Religion, History of Malta, Geography, Social Studies and one foreign language from the following: Italian, French, German, Arabic and Spanish.

Applicants for entry into Forms IV and V will have to sit for examinations in Maltese, English, Mathematics, Physics, Religion, History of Malta, Geography, Social Studies and one foreign language from the following: Italian, French, German, Arabic and Spanish.

The syllabuses are those followed in the Junior Lyceum.

Applications may be obtained from the Secondary school where the candidate is attending as from Monday 11th February 2008.

Students attending State Secondary Schools are to hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph, to the Head of the school they are presently attending.

Students attending non-State Secondary Schools from Malta are requested to contact the Educational Assessment Unit to get the necessary information as to where to collect and to hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph.

Students attending non-State Secondary Schools from Gozo are to collect and hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph, at Ninu Cremona Boys' Secondary and Agius de Soldanis Girls' Secondary.

Applications, duly completed, should be handed in by not later than noon of Friday, 7th March, 2008. Late applications and applications sent by post will not be considered.

7th February, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

211

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Diċembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Il-Prim Imħallef Emeritus Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici ta' 92a, Archbishop Street, Valletta, ippreżenta Talba fl-10 ta' Awissu 2007, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jason Abela ta' Ro John (Indian) Restaurant, Triq il-Ħalel, Buġibba sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €174.70 (Lm75) liema ammont huwa dovut lill-attur relattiv għas-sub-ċens dovut kull sena bil-quddiem u dan mill-4 ta' Mejju 2003 sat-3 ta' Mejju 2008 ta' l-appartament 6 ta' Dolphin House, fi Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar, Buġibba.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Il-kawża (633/07PBC) hija differita għas-26 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Frar 2008.

Dan l-Avviż iħassar l-Avviż Nru. 207 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,815 tal-5 ta' Frar, 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

The Chief Justice Emeritus Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici of 92a, Archbishop Street, Valletta, filed a Claim on the 10th August 2007 whereby he asked the Tribunal to condemn Jason Abela of Ro John (Indian) Restaurant, Triq il-Ħalel, Buġibba, to pay the plaintiff the sum of €174.70 (Lm75) which amount is due to the plaintiff as sub-groundrent due every year in advance to the plaintiff from the 4th May 2003 till the 3rd May 2008 on the apartment 6 of Dolphin House, in Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar, Buġibba.

With costs and interests.

The case (Claim Number 633/07PBC) is put off on the 26th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th February 2008.

This Notice repeals Notice No. 207 published in the Government Gazette No. 18,815 dated 5th February, 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

212

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 275/06 JA, fl-ismijiet Dimech Carmela sive Maria Carmela sive Carmen vs Dimech Carmel, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Carmela magħrufa ukoll bhala Maria Carmela kif ukoll bħala Carmen Dimech, karti ta' identità numri 217958(M) il-korretta u 295970(M) il-ħażina vs Carmel Dimech, karta ta' l-identità numru 590856(M), fil-31 ta' Awissu 2006, ir-rikorrenti umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi fir-rikors:

1.Tiddikjara li sussegwentement għas-separazzjoni legali tad-9 ta' Ġunju 1989, il-partijiet irrikonċiljaw u li l-effetti li baqgħu jissussistu minħabba l-kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Ġunju 1989, spiċċaw definittivament mal-kuntratt tat-30 ta' Lulju 1999.

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 19th October 2007, in the records of the Sworn Application number 275/06 JA, in the names Dimech Carmela sive Maria Carmela sive Carmen vs Dimech Carmel, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Carmela known also as Maria Carmela as well as Carmen Dimech, identity card numbers 217958(M) the correct and 295970(M) the wrong vs Carmel Dimech, identity card number 590856(M), on the 31st August 2006, the applicant humbly prayed this Honourable Court for the reasons in this application:

1. To declare that subsequently to the legal separation of the 9th June 1989, the parties reconciled and that the effects subsisted because the contract of the 9th June 1989 definitely finished with the contract of the 30th July 1999.

2. Tiddikjara li għalhekk ġiet stabbilita mill-ġdid il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet f'dak il-jum li jiġi determinat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali mill-ġdid bejn il-kontendenti…omissis…

4. Tawtorizza lill-attriċi li tgħix separata minn żewġha a mensa et thoro.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.

6. Tillikwida dawk l-assi li seta' ddispona minnhom il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwisti mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' martu.

7. Tillikwida l-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti ...omissis…

8. Tawtorizza lill-attriċi tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali tagħha;

9. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa …omissis…

10. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tiegħu elenkati f'Artikolu 48 subinċiz (1) tal-Kodiċi Ċivili u dan bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 ta' l-istess Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż, ..omissis.. kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Intimat: 'Taflija'; Flat 2, Triq il-Ħaġra l-Wieqfa, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 275/2006 JA, fl-ismijiet Dimech Carmela sive Maria Carmela sive Carmen vs Dimech Carmel jinsab differita għas-7 ta' April 2008, fl-9.45 a.m. għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 5 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Declare that thus there was established anew the community of acquests between the parties on that day that shall be determined by this Honourable Court.

3. Declare and pronounce the legal separation anew between the parties ….omissis….

4. Authorise the plaintiff to live separately from her husband a mensa et thoro.

5. Declare dissolved the community of acquests between the parties according to Article 55 of the Civil Code.

6. Liquidate those assets from which the defendant could have disposed from the community of acquests without the authorization of his wife.

7. Liquidate all the property which constitutes the community of acquests ..omissis….

8. Authorise the plaintiff to take back possession of her paraphernal property.

9. Order the defendant to pay the plaintiff the rate of maintenance it deems fit…omissis…

10. Declare that the defendant forfeited his rights as listed in Article 48 subsection (1) of the Civil Code and this by applying Article 51 of the same Civil Code.

With costs …omissis… against the defendant from now summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Respondent: 'Taflija'; Flat 2, il-Ħaġra l-Wieqfa Street, St. Paul's Bay.

The Sworn Application number 275/2006 JA, in the names Dimech Carmela sive Maria Carmela sive Carmen vs Dimech Carmel has been put off to the 7th April 2008, at 9.45 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 5th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*